## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## 8 LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 71

It-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

71.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 70 (sebgħin) li saret fis-12 ta' Ġunju, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

71.2.1.1 Referenza Numru 70.2.3.7 titneħħa u flokha tiżdied 70.2.3.8

71.2.1.2 Referenza Numru 70.5.3 titneħħa u flokha tiżdied 70.5.3.1

71.2.1.3 Żieda ta' referenza 70.6.1 wara t-titlu b'referenza 70.6

71.2.1.4 Żieda ta' referenza 70.7.1 wara t-titlu b'referenza 70.7

71.2.1.5 Referenza Numru 70.7.1 titneħħa u flokha tiżdied 70.7.2

71.2.1.6 Żieda ta' referenza 70.9.1 wara t-titlu b'referenza 70.9

## 71.2.2 Punti mqajma mill-minuti

71.2.2.1 Minuta 70.2.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kuntrattur li ġie inkarigat mill-Proġett taż-Żgħazagħ għadu ma bagħatx il-*Method Statement.* Għaldaqstant, il-perit, għadu ma jistax jissottometti l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

71.2.2.2 Minuta 70.2.3.2 – Is-Sindku informa lill-Membri li wara li l-kumpanija ICT Solutions kienu ħadu żball fid-dati tal-*migration of data,* ix-xogħol f'dan ir-rigward kien waqa' lura u għaldaqstant ma kienx possibbli li l- *Quarterly Statements* Marzu, 2017 jiġu ppreżentati.

71.2.2.3 Minuta 70.2.3.5 – Is-Sindku informa lill-membri li wasal l-isketċċ ta' Triq Qormi u għaddejnieh lil Transport Malta peress li ser ikun hemm xi tibdil fil-karreġġjata tat-traffiku minn kif kienet qabel. Jista jkun li ser jintilef xi parkeġġ minħabba l-mod ta' kif qeda l-strutturata t-triq, sakemm ma nibqgħux ninsistu li l-parti t'isfel tat-triq tiġi *One Way.*

Is-Sindku informa wkoll li eżegwejna bil-kwerela permezz tal-avukat tal-Kunsill, lill-Pulizija fejn infurmajniehom li s-sewwieqa tal-*containers* qed jiksru r-regolamenti tat-traffiku filwaqt li jikkaġunaw periklu għar-residenti.

Fis-6.55 ta' filgħaxija wasal il-Viċi Sindku is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

71.2.2.4 Minuta 70.2.3.7 – Is-Sindku informa lill-Membri li l-kuntratt mal-Melita Ltd għal linja ċellulari sar u il-linji fissi tal-Go ġew ibbarjati milli jsiru telefonati lejn linji ċellulari minnhom.

71.2.2.5 Minuta 70.3.1 - Is-Sindku informa lill-Membri li wasal il-kuntratt tal-*photocopier* u l-pagament ser jinqasam f'żewġ pagamenti.

71.2.2.6 Minuta 70.3.2 – Is-Sindku informa li ser issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta u mal-*Water Services Corporation*, sabiex meta nkunu ser nibdew ix-xogħol, il-permessi jkunu f'idejna. Trid issir ukoll applikazzjoni għal *Traffic Island* ħdejn il-Mużew.

71.2.2.7 Minuta 70.3.3 – Is-Sindku informa lill-Membri li d-Dipartment tal-*Lifelong Learning* ġew infurmati li fl-applikazzjoni, aħna konna offrejna li l-kors *Essential Skills* fl-Ingliż isir nhar ta' Sibt mit-8.00am sal-11.00am u mhux kif ikkwotaw huma mid-9.00am sa 12.00pm. Id-Dipartiment tal-*Lifelong Learning* ma tawna l-ebda risposta f'dan ir-rigward.

71.2.2.8 Minuta 70.3.4 – Is-Sindku informa lill-Membri li s-Surmast tal-iskola Sekondarja ta' Santa Venera, is-Sur Sammut, avżana li ġie deċiż li l-lezzjonijiet kumplimentari ser isiru fl-iskola stess iżda rringrazzja lill-istess Kunsill ta' Santa Venera tal-għajnuna.

71.2.2.9 Minuta 70.3.5 – Is-Sindku informa lill-Membri li *Clothes Bank* ser jitpoġġa fil-viċinanzi tal-*Motorcycle Bay* u li il-kaxxa tal-*Electronic Waste* għandha titneħħa għaliex qed tintuża biex jintrema l-imbarazz ġo fiha.
Il-membri qablu unanimament.

71.2.2.10 Minuta 70.5.3.1. – Is-Sindku informa lill-Membri li il-vann li konna ser nixtru kien fih ħsarat konsiderevoli u kellu ħafna sadid u problema fil-*clutch*. Għalhekk, kellna nfittxu vann ieħor. Instab vann ieħor li jidher li huwa f'kundizzjoni aħjar, però kellu l-*windscreen* miksura u għaldaqstant ġie deċiż li tinbidel. Il-vann, *Renault Kangoo* sewa €1,700. Il-vann għadda wkoll mill-VRT.
Il-membri qablu unanimament.

71.2.2.11 Minuta 70.8 – Pariri mingħand il-Contracts Manager:
Ilment 257 – nimxu skond il-parir tal-Contracts Manager
Ilment 341 – issir *refresh.*
Ilment 362 – Niktbu lil Transport Malta
Ilment 372 – Mhux tal-parir li ssir
Ilment 377 – Issir wara l-kaxxa l-bajda wara li l-kaxxa l bajda tersaq b'pied.
Ilment 394 – Mhux tal-parir li ssir

## 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li F'Settembru il-*Malta Olympic Committee* ser jorganizza l-attivita' '*Queen's Baton*'. Il-Membri qablu li l-attivita' ġo Santa Venera ssir fit 23 ta' Settembru, 2017 u li jiġu pprezentati medalji lill-parteċipanti u trofew ta' tifkira lill-organizzaturi.

71.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna ittra bl-avukat mingħand il-GO fejn huma qed jitolbu li jerġgħu ikissru Triq l-Imsida sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-*fibre optic*. Is-Sindku kien ġa offrielhom alternattiva permezz ta' direct drilling, izda peress li dan il-metodu ta' drilling jiswa aktar milli kieku jħaffru t-triq, huma ma aċċettawx. Għaldaqstant ser inwieġbu lura bl-avukat bil-possibilta' ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

71.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna risposta mingħand Transport Malta rigward is-siġar tal-palm. Fl-ittra infurmawna li s-sigar tal-palm ma jistgħux jitħawlu fir-roundabout minħabba li hemm pied biss ħamrija. Għaldaqstant, Transport Malta offrew li jew nissuġġerixxu post ieħor fejn jitħawlu dawn is-siġar jew inkella jikkompensawna.
Il-membri xtaqu li s-siġar jibqgħu ġo Santa Venera u għaldaqstant issuġġerew li jitħawlu
2 (tnejn) Fi Triq il-Palazz l-Aħmar kantuniera ma Triq il-Kanun,
3 (tlieta) Fi Triq il-Kanun fejn kien jinħaraq in-nar qabel, u
5 (ħamsa) Pjazza Franka
Il-Membri qablu unanimament.

71.3.4 Is-Sindku informa lill-Membri li r-Reġjun Centru qed jippreżenta inizjattiva finanzjarja u qed jalloka €100,000 biex jitqassmu bejn il-Kunsilli li jixtiequ japplikaw. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintefqu fuq xogħol fi Triq il-Qalb Imqaddsa.
Il-Membri qablu unanimament.

71.3.5 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna korrispondenza mingħand il-perit Daniela Zammit fejn kellna talba sabiex tiċċaqlaq lampa tat-triq minħabba xogħolijiet li qed isiru, u talba biex isuru parking bays b'mod temporanju, kif ukoll kaxxa safra quddiem il-garaxx. Is-Sindku informa li l-kuntrattur kien insista li ma jħallasx għall-permess ta' scaffolding biex ikun jista' jaħdem. Wara li nġiebet kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, irriżulta li l-miżata għall-permess trid titħallas.
Il-Membri qablu unanimament sabiex tinġieb aktar kjarifika dwar dan ix-xogħol.

71.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li irċevejna email mingħand il-il-Kumitat tal-Banda fejn qalulna li jixtiequ jagħmlu riċeviment tal-Festa nhar id-19 ta' Lulju, 2017 fil-ġnien Romeo Romano.
Il-Membri qablu unanimament.

71.3.7 Is-Sindku informa lill-Membri li irċevejna ittra u ritratti mingħand is-Sur Giovanni Colabuffo fejn infurmana li faqa tyre ta' Range Rover ma' tappiera ta' arblu tal-Kumitat Festi Esterni u kellu jittowja l-karozza. Il-Kumitat Festi Esterni ġa ġew mgħarrfa b'dan l-inċident. Huwa bagħtilna r-rapport tal-pulizija u l-irċevuta. Il-korrispondenza ser tgħaddi lis-segretarju tal-Kumitat Festi Esterni, Is-Sur Paul Saliba biex jikkomunika mas-Sur Giovanni Colabuffo direttament.

71.3.8 Is-Sindku informa lill-Membri li l-appell li konna ftaħna mal-Awtorita' tal-Ippjanar, kontra l-bini ta' Fire Station, intilef. Għaldaqstant, kien hemm qbil sabiex nieħdu l-kas il-qorti.

71.3.9 Is-Sindku informa lill-Membri li l-kumpanija IPSL avżatna li ser jipprovdula skrivan/a. Huwa importanti li l-iskrivan/a jkollu/ha minimu ta' 5 'O' Levels u li jkollha l-ECDL.
Il-membri qablu unanimament.

## 71.4 Rapporti/Korrispondenza

71.4.1 Is-Sindku fakkar fil-korrispondenza li rċevejna rigward in-'National Award for Self-Achievement', 'b'Ħilti Wasalt'. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi nominat is-Sur Bjorn Formosa u l-ALS peress li minn xejn, is-Sur Formosa, ħoloq awareness dwar din il-kundizzjoni u irnexxielu jiġbor fondi biex ikun ta' għajnuna lil min qed ibagħti minn din il-kundizzjoni.

Il-Membri qablu unanimament.

## 71.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

71.5.1 Il-Festa ta' Santa Venera

Is-Sindku informa lill-Membri li bħal ma sar fi snin oħra, il-Kunsill irid jieħu ħsieb

- Meter tad-dawl temporanju biex jintuża mill-Kumitat tal-Banda f'Misraħ il-Kebbies.
- Tindif bil-bawzer fi Triq il-Kbira San Ġużepp f'dawn il-ġranet:
  - i) Il-Ħadd 29 ta' Lulju, 2017 filgħodu kmieni
  - ii) Il-Ħadd 29 ta' Lulju, 2017 wara l-marċ ta' filgħodu
  - iii) It-Tnejn 30 ta' Lulju, 2017 filgħodu kmieni
- Bukketti tal-fjuri - wieħed fil-Knisja l-Qadima, ieħor fil-Knisja Parrokkjali u ieħor għal meta tasal l-istatwa ta' Santa Venera fi Triq Misraħ Santa Venera.
- Jitpoġġew il-bollards fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn kull għaqda trid tinnomina persuni sabiex jieħdu l-inkarigu li jagħlqu u jiftħu t-triq.
- Jitpoggew it-tabelli tat-*Traffic Diversion*.
- Isir żbir tas-siġar fil-parti li ser jinħaraq in-nar tal-art fi Triq il-Kbira San Ġużepp.
- Il-Kumitat Festi Esterni xtaq li Triq il-Kbira San Ġużepp tingħalaq għat-traffiku nhar il-Erbgħa 19 ta' Lulju u l-Ħamis 20 ta' Lulju, 2017 bejn is-6.00pm u l-10.00pm. Dan sabiex ikun jista' jintrema' l-armar tal-festa. Għaldaqstant ser issir talba lil *Transport Malta* sabiex fil-ġranet imsemmija, Triq il-Kbira San Ġuzepp tingħalaq minn Triq il-Parroċċa sa Triq l-Imsida. Jitħallew jgħaddu biss il-Karozzi tal-linja.
- Il-Ħamis 27 ta' Lulju, 2017, l-arblu tal-Kunsill ser jintuża mill-kumitat tal-Festa.
- Fl-erbat ijiem tal-Festa, mis-27 sat- 30 ta' Lulju, 2017, inġieb permess sabiex Triq il-Qalb Imqaddsa min-naħa ta' Triq Reġjonali titwaħħal tabella li tgħid *'No Access to Triq il-Kbira San Ġużepp except for non-residents'.*

Il-Membri qablu unanimament.

71.5.2 Is-Sindku fakkar fil-kopja tal-kuntratt tal-Playing Field tal-Palazz l-Aħmar, li kien bagħat lill-Membri. F'dan l-istadju jrid jiġi deċiż l-isem tal-proġett li f'dan il-kas ser ikun *'Embellishment of San Gorg Preca*

*Playing Field at Palazz l-Aħmar, Santa Venera'* li jinsab fi Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera. Dan ix-xogħol jibda f'Novembru sabiex nagħtu ċans li joħroġ it-tender u jiġi aġġudikat. Il-proġett idum madwar 5 xhur sabiex f'Marzu jew April 2018 ikun inawgurat.
Is-Sindku fakkar fir-*retention money* li f'dan il-kas ser jinżamm 20%.
Is-Sindku informa lill-Membri li dan il-proġett ser jiġi finanzjat b'dawn il-fondi:

- €55,000 min istituzzjoni
- €110,000 mill-*Urban Improvement Fund*
- €70,000 minn ftehim mal-*Housing Authority*
- Bejn €35,000 u €50,000 li ser jiffinanzja l-Kunsill.

Id-dawl li hemm fil-playing field kien sar *vandal proof* u għaldaqstant ser jinżamm bil-possibilta' li jiżdied miegħu aktar dawl li jrid ikun simili għal dak li diġa hemm.

Il-ħlas isir kull xahar wara li tkun tlestiet xi parti mix-xogħol u wara li ssir iċ-ċertifikazzjoni tagħha.

Il-Membri qablu unanimament.

71.5.3 Is-Sindku informa lill-Membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mas-Sa Margaret Zammit, *Deputy Libraries* u is-Sa Cheryl Mifsud C.E.O. dwar il-kuntratt tal-librerija. Irċevejna kopja tal-kuntratt u s-Sindku ppropona li jsiru xi tibdiliet peress li għalina ma humiex prattiċi.

- Ippropona li l-kuntratt ma jsirx għal sena waħda biss peress li l-Kunsill ser jinvesti f'din il-librerija. Il-kuntratt għandu jsir għal tlieta jew erba' snin.
- Ippropona wkoll li jitneħħa l-punt 2.2.5 li jgħid, *"carry out the day-to-day maintenance including cleaning".* Dan għaliex il-librerija tinsab ġo skola u għaldaqstant għandha titnaddaf mill-ħassiela tal-iskola.
- Is-Sindku informa lill-membri li l-librar, li jrid ikollu diploma f'dan il-qasam, jitħallas bir-rata ta €6.96 fis-siegħa, ikun impjegat u jintagħżel wara li l-Kunsill ikun ħareġ *Expression of Interest.* Il-Bord tal-aġġudikazzjoni jkun magħmul mis-Sindku, is-Sur Stephen Sultana, il-Viċi Sindku, is-Sur Jonathan Brimmer u mis-Sa Elizabeth Vella. Ser ikun hemm rappreżentant tal-Gvern li jkun espert f'dan il-qasam.
- Il-Kunsill iħallas 50% mill-ispiża tal-librar.
- Iridu jinxtraw żewġ *airconditioners* għal-librerija u jibqgħu propjeta' tal-Kunsill.
- Is-Sindku rrimarka li Punt 4.3 jgħid li l-Kunsill Lokali għandu jipprovdi *photocopier* u jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Peress li din ma tkunx fil-kontroll tal-Kunsill, il-membri qablu li l-*photocopier* m'għandiex tkun ipprovduta mill-Kunsill.
- Isir WIFI, imma mhux fil-librerija biss, imma anke fil-ġonna pubbliċi.
- Minn barra dan kollu, waqt il-laqgħa kien ġie maqbul li l-Kunsill jipprovdi t-tibjid tal-post, l-ixkaffar għall-kotba u l-50% mis-salarju tal-librar li jkun impjegat *'part-time self-employed'*.
- Id-Dipartiment tal-libreriji ser jipprovdi l-kotba u l-*audio books*.
- Il-librerija tinfetaħ kuljum filgħodu filwaqt li tiftaħ ukoll mit-3.00pm sas-7.00pm kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa. Tiftaħ ukoll nhar ta' Sibt mit-8.00am sa 12.00pm.

Il-Membri qablu unanimament.

## 71.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

71.6.1 Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitat.

## 71.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

71.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 71.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 305 sa Iment numru 363.

| | |
|---|---|
| 401 | Contracts Manager |
| 402 | Ħaddiema Assenjati |
| 403 | Contracts Manager |
| 404 | Works Order |
| 405 | Infurzar mill-Pulizija |
| 406 | Contracts Manager |
| 407 | Ħaddiema Assenjati |
| 408 | Inġibu 3 kwotazzjonijiet |
| 410 | Talba lil Transport Malta |
| 411 | Ħaddiema Assenjati |
| 412 | Tintbagħat ittra lir-residenti |
| 413 | Ħaddiema Assenjati |
| 414 | Kwotazzjoni mingħand Micamed |
| 415 | Saret talba lil GO Plc |
| 416 | Hemm Reserved Parking for Disabled |
| 417 | Hemm Loading/Unloading diġa |
| 418 | Contracts Manager |
| 419 | Contracts Manager |
| 420 | Nistaqsu għal liema bozza qed jirreferu |
| 421 | Nistaqsu għal liema post qed jirreferu |
| 422 | Kuntrattur tat-tindif |
| 423 | B. Grima & Sons |
| 424 | Ħaddiema Assenjati |
| 425 | Ħaddiema Assenjati |
| 426 | Hemm il-ħsieb li ssir it-Triq kollha |
| 427 | Contracts Manager |
| 428 | Ħaddiema Assenjati - it-triq kollha |
| 429 | Ħaddiema Assenjati |
| 430 | Ħaddiema Assenjati |
| 431 | Inġibu 3 kwotazzjonijiet |
| 432 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 433 | Contracts Manager |
| 434 | Ħaddiema Assenjati |
| 435 | Navżaw lill-kollettur tal-GreenPak |
| 436 | Sar avviż l-għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u Transport Malta |
| 437 | Contracts Manager biex jikkordina x-xogħol taż-żbir |
| 438 | B. Grima & Sons |
| 439 | Saret talba lil GO Plc |
| 440 | Ħaddiema Assenjati |
| 441 | (1)Ħaddiema Assenjati – (2) Talba lil Transport Malta |
| 442 | Ħaddiema Assenjati |
| 443 | Ħaddiema Assenjati |
| 444 | B. Grima & Sons |

## 71.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.30pm u ġiet aġġornata għat-7 ta' Awwissu, 2017, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu, 2017

IFFIRMATA

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv